31995R1961

L 189/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 10.8.1995

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1961/95

tad-9 ta' Awissu 1995

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3175/94 li jipprovdi regoli dettaljati ta' applikazzjoni għall-arranġamenti speċifiċi għall-provvista ta' prodotti ta' ċereali lill-Gżejjer Eġej iż-żgħar u li jistabbilixxi bilanċ tat-tbassir tal-provvista

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 tad-19 ta' Lulju 1993 li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-Gżejjer Eġej iż-żgħar dwar ċerti prodotti agrikoli ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1363/95 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2958/93 ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1802/95 ([4]), jistipula regoli dettaljati komuni għall-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista ta' ċerti prodotti agrikoli lill-Gżejjer Eġej iż-żgħar;

Billi, biex jittieħed kont tal-prattiċi kummerċjali speċifiċi għas-settur taċ-ċereali, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3175/94 ([5]) jipprovdi regoli dettaljati, b'żieda ma' jew b'deroga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2958/93; billi, biex jintlaħaq l-għan ta' l-arranġamenti tal-provvista stipulat fir-Regolament (KEE) Nru 2019/93 u, b'mod partikolari, biex jittaffa l-iżvantaġġ naturali tal-Gżejjer Eġej iż-żgħar mingħajr ma jiġi jxekkel l-iżvilupp tal-produzzjoni lokali, 12 000 tunellata ta' xgħir prodott fil-gżira ta' Limnos għandhom jiġu permessi jikkwalifikaw għal dawk l-arranġamenti, bil-kundizzjoni li dik il-kwantità ta' xgħir tkun żejda għall-ħtiġiet speċifiċi ta' dik il-gżira; billi l-ammont ta' għajnuna fissa li għandha tingħata għall-provvista ta' dak il-prodott mill-gżira ta' Limnos lill-Gżejjer eġej iż-żgħar għandha tkun stabbilita;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 3175/94 huwa permezz tal-preżenti emendat kif ġej:

1. Is-segwenti l-Artikolu 2° għandu jiżdied:

"*Artikolu 2a*

1. L-għajnuna fissa ta' ECU 15 kull tunellata ffissata fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2958/93 għandha tingħata għal kwantità ta' 12 000 tunellata fis-sena għall-provvista ta' xgħir maħsud fuq il-gżira ta' Limnos lill-Gżejjer Eġej iż-żgħar.

2. Ebda għajnuna ma għandha tingħata għall-provvista ta' xgħir li taqa' taħt il-kodiċi NM 1003 fuq il-gżira ta' Limnos."

2. L-Anness għandu jiġi sostitwit bl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1995.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Awissu 1995.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 184, 27.7.1993, p. 1.
([2]) ĠU L 132, 16.6.1995, p. 8.
([3]) ĠU L 267, 28.10.1993, p. 4.
([4]) ĠU L 174, 26.7.1995, p. 27.
([5]) ĠU L 335, 23.12.1994, p. 54.

ANNESS

"ANNESS

Bilanċ ta' provvista ta' ċereali għall-Gżejjer Aegean iż-żgħar għall-1995

tunnellati

Kwantità		1995	
Prodotti tac-Cereali li joriġinaw fil-KE	Kodiċi NM	Gżejjer li jappartienu lill-grupp A	Gżejjer li jappartienu lill-grupp B
Ċereali tal-qamħa	1001, 1002, 1003, 1004 u 1005	10 000	30 750
Xgħir li jorigina f'Limnos	1003	12 000	
Dqiq tal-qamħ	1101 u 1102	10 000	30 750
Reżidwi u skart ta' l-industrija ta' l-ikel	2302 sa 2308	1 000	16 500
Preparazzjoni ta' tip li jintużaw fl-għalf ta' l-annimali	2309 90	1 000	6 500
	Total	22 000	84 500
	Total sħiħ	118 500	

Dawn il-gruppi huma definiti fl-Anness I u II tar-Regolament (KEE) Nru 2958/93."